MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1794/1996/1

Dennis Gatt u Maria Theresa Gatt, mizzewgin flimkien
vs
Alexander Montanaro u Marianne Montanaro mizzewgin flimkien u b' digriet tad-19 ta' Ottubru 2000 il-kumpanija Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance p.l.c. intervjeniet fil-kawza *in statu et terminis*

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni attrici li biha l-atturi ppremettew:

**CITAZZJONI:**
Illi l-atturi huma proprjetarji tal-Villa f' San Pawl tat-Targa, Naxxar, "Latchmere", Triq Julius Verne filwaqt illi l-konvenuti huma proprjetarji tal-Villa "Ir-Randa", Triq Desa Vedra, San Pawl tat-Targa, liema zewg proprjetajiet huma attigwi minn wara.

Illi min-naha tal-fond tal-konvenuti qieghed jipperkola ilma fil-fond ta’ l-atturi u jikkawza danni lill-atturi; fost id-danni li qed jikkawzaw l-atturi huma umdita`, hsara strutturali u danni fic-cement, tiles, swimming pool, kif jirrizulta mic-Certifikat anness mac-citazzjoni tal-Arkitett Edward F. Bencini (Dok “A”) u kif kellu jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni tal-Kawza.

Illi dan l-istat ta’ l-affarijiet fil-hajt ta’ appogg jivvjola direttament id-disposizzjonijet ta’ l-Art 428 et seq. tal-Kodici Civili u disposizzjonijiet ohra ta’ Ligi, kif kellu jigi espost fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenuti gew inutilment interpellati jirrimedjaw id-danni.

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti ivvjolaw ghar-ragunijiet esposti id-disposizzjonijiet ta’ l-Art 428 et seq. tal-Kodici Civili u disposizzjonijiet ohra tal-Ligi.

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju okkorrendo taht id-direttivi ta’ Arkitett nominandi jnehhu l-kawza tad-danni u jaghmlu x-xogholijiet rimedjali fil-proprjeta` tal-konvenuti.

3. Tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas tal-konvenuti, l-atturi jesegwixxu huma a spejjez tal-konvenuti x-xogholijiet necessarji.

4. Tiddikjara u tiddeciedi li minhabba l-istat tal-bini l-konvenuti ikkawzaw danni lill-atturi.

5. Tillikwida d-danni hekk kawzati.

6. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez u bir-riserva ta’ kull azzjoni fil-Ligi; il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati a fol. 4 et seq. tal-process.

Rat illi fid-9 ta' Dicembru, 1996 il-konvenuti gew debitament notifikati u dan skond ma jirrizulta minn tergo tal-fol. 10 u fol. 11 tal-process u baqghu ma ipprezentawx l-eccezzjonijiet taghhom fit-terminu moghti lilhom mill-ligi.

Rat illi fl-10 ta' Marzu, 1997 il-konvenut ipprezenta rikors fejn talab li jiggustifika l-kontumacja tieghu a bazi ta' zball invincibbli da parti tieghu.
Rat ir-risposta tal-atturi datata 13 ta' Novembru, 1997 ghar-rikors ipprezentat mill-konvenuti fl-10 ta' Marzu, 1997 u li biha huma opponew it-talba.

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Novembru, 1997 fejn cahdet it-talba tal-konvenuti ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja.

Rat ir-rikors tas-socjeta' Elmo Insurance Agency Limited tal-4 ta' Awissu, 2000 fejn talbet illi hija tigi awtorizzata tintervjeni "in statu et terminis" bhala parti fil-kawza.

Rat ir-risposta tal-atturi datata 23 ta' Awissu, 2000 fejn talbu lil Qorti sabiex tichad din l-istess talba tas-socjeta` Elmo Insurance Agency Limited.

Rat ir-risposta tal-konvenuti datata 19 ta' Settembru, 2000 fejn talbu lill-Qorti sabiex hija tilqa' t-talba tas-socjeta' Elmo Insurance Agency Limited.

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Ottubru, 2000 fejn il-Qorti laqghet it-talba u ammettiet lis-socjeta' Elmo Insurance Agency Limited bhala parti "in statu et terminis".

**ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-imsemmija intervenuta fil-kawza Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance p.l.c. li eccepiet:

1 Illi meta l-konvenuti bnew il-fond taghhom, huma ghamlu dan taht id-direzzjoni tal-perit taghhom – l-Arkitett u Inginier Civili Martin Xuereb u ma sar xejn li minhabba fih setghat issir xi hsara fil-fond tal-atturi. L-atturi ghandhom l-obbligu mhux biss li jippruvaw l-ezistenza ta din il-hsara imma ghandhom ukoll l-obbligu li jippruvaw li din il-hsara kienet dovuta ghal xi nuqqas tal-konvenuti. Jekk grat hsara, din il-hsara setghtet kienet dovuta ghal diversi fatturi, fosthom ukoll in-nuqqasijiet tal-istess atturi. F' dan ir-rigward ghandu jigi osservat li l-atturi hallew "soil patches" fuq in-naha taghhom tal-hajt u qeghdu l-"pool deck tilings" sal-"exposed rock face" u ghalhekk seta' dahal l-ilma fit-"tile bedding layer".

2 Ghalhekk il-kumpanija intervenuta eccepiet li jekk jigi pruvat mill-atturi li grat xi hsara, din il-hsara ma kenitx dovuta ghal xi nuqqas tal-konvenuti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` intervenuta a fol. 49 et seq. tal-process.

Rat id-digriet tat-13 ta' Frar, 2002 dwar l-isfilz ta' certu provi minhabba l-intervent ***in statu et terminis***.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Marzu, 1997 li permezz tieghu gie nominat bhala Perit Tekniku l-AIC Frederick Doublet u dan stante n-natura teknika tal-kawza.
Rat illi l-Perit AIC Frederick Doublet irrediga u halef ir-relazzjoni minnu maghmula nhar id-29 ta' Jannar, 2003.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat:

**PROVI:**
Illi l-konvenuti kif jirrizulta mill-process baqghu kontumaci. L-atturi ghamlu enfasi fuq din il-kontumacja. Jinghad li din il-Qorti diversament prejeduta fil-kawza fl-ismijiet Joseph

Naudi Montalto noe vs Emanuel Xuereb [deciza fis-27 ta' Frar 1995, Vol LXXIX.III.1214] stabbiliet illi:

"L-istitut tal-kontumacja huwa bbazat fuq il-presuppost illi l-konvenut, bin-nuqqas tieghu, wera kontumelja u disprezz ghas-sejha tal-Qorti meta huwa gie kkonvenut bl-avviz, citazzjoni, libell jew petizzjoni u hija din id-disubbidjenza animata psikologikament b'dawk il-fatturi ta' kontumelja u disprezz li l-ligi trid tirreprimi u tippunixxi, in kwantu kontumacja bhal dik hi element ta' dizordni socjali".

Illi minkejja dan il-fatt il-Qorti – stante li l-kontumacja hija oppozizzjoni – xorta ghandha tidhol sabiex akkuratament tezamina l-provi sabiex tara u fl-ahharnett tiddeciedi jekk il-provi prodotti jwasslux ghall-konvinciment morali fil-gudikant li jaccetta t-talba/talbiet attrici.
Illi l-Perit tekniku AIC Frederick Doublet a fol. 98 tar-relazzjoni tieghu fil-paragrafu numru erbgha u erbghin punt zero (44.0) intestat <u>Konkluzjoni</u> qal hekk:

(i) Jezisti stat ta' periklu potenzjali fil-hajt divizorju ta' wara l-atturi mal-konvenuti, u l-partijiet huma responsabbli ghal dan f'mizuri differenti skond kif rikapitulat fis-sezzjoni [43.0] u kif deskritt dettaljatament matul dan ir-rapport.
(ii) Il-konvenuti ikkawzaw hsara minhabba umdita` fil-hitan divizorji ta' wara u parzjalment tal-gemb tal-atturi, kif elenkat fl-istess sezzjoni [43.0] u kif deskritt dettaljatament matul dan ir-rapport.
(iii) L-atturi huma responsabbli parzjalment ghall-hsara fil-pool terrace, fil-hajt divizorju tal-gemb u fil-basement taghhom, kif elenkat fl-istess sezzjoni [43.0] u kif deskritt dettaljatament matul dan ir-rapport.
(iv) Il-hsara dovuta ghall-maltempata li mhumiex responsabbli ghaliha l-konvenuti, fil-pool terrace u fil-basement tal-atturi, hija wkoll kif elenkata f'sezzjoni [43.0] u kif deskritt dettaljatament matul dan ir-rapport.

Il-paragrafu tlieta u erbghin punt zero (43.0) tar-rapport peritali intestat <u>Rikapitulazzjoni ta' xogholijiet rimedjali u min ghandu jghamilhom</u> jghid hekk:

Illi r-rimedji msemmija irid jsiru skond ir-responsabbilita` u mill-persuni responsabbli, kif isegwi.

43.1 Dwar il-hajt divizorju ta' wara, il-konvenuti ghandhom jaghmlu a spejjes taghhom;

(i) L-ippuntaljar minn naha taghhom.
(ii) L-eskavazzjoni, qligh u ri-pjantar ta' sigar etc., u mili bl-irdim u hamrija.
(iii) Ix-xoghol fil-hajt divizorju fil-fili tal-qatran tan-naha taghhom.
(iv) Il-membranes in-naha taghhom u tal-atturi, inkluza d-dekorazzjoni n-naha tal-atturi;
(v) Il-kostruzzjoni tad-dorga u katusi ghad-dispozizzjoni tal-ilma mill-istess dorga.
(vi) Il-hajt ta' sostenn u xkaffa tal-konkos.
(vii) Il-kisi 'index' u zebgha n-naha tal-atturi.
(viii) Ibatu nofs l-ispejjes tal-qoxra tad-disgha (9"), u l-konkos u x-xoghol kollu ancillari dwar l-issodar tal-hajt divizorju mill-ixkaffa tal-konkrit sa sitt filati u nofs circa l-fuq.
(ix) It-tindif u clearance ta' materjal rizultanti minn dawn l-affarijiet fuq in-naha tal-atturi.

L-atturi ghandhom jaghmlu a spejjes taghhom:

(x) L-ippuntaljar tal-hajt min-naha taghhom.
(xi) It-trattament tal-fili tal-qatran in-naha taghhom.

L-atturi ghandhom jaghmlu a spejjes taghhom, jekk iridu;

(xii) Nofs l-ispejjes inkwantu ghal-qliegh tal-madum u li jsir madum gdid biss, inkluza l-preparazzjoni tax-xahx ghall-qlib, u t-thallib tal-madum.
(xiii) Ix-xoghol l-iehor kollu necessarju in konnessjoni mal-madum madwar il-pool, inkluzi expansion joints, u subfloor u vapour barrier jekk ikunu mehtiega.

Inkwantu ghall-hsarat dovuti ghall "storm", l-atturi ghandhom jaghmlu a spejjes taghhom, jekk iridu;

(xiv) Nofs l-ispejjes inkwantu ghal-qliegh tal-madum u li jsir madum gdid biss, inkluza l-preparazzjoni tax-xahx ghall-qlib, u t-thallib tal-madum.

43.2 Dwar il-hajt divizorju tal-genb, il-konvenuti ghandhonm jaghmlu a spejjes taghhom;

(i) Ir-riparazzjonijiet kollha msemmija fuq in-naha taghhom;
(ii) Ir-restawrar tal-hajt in-naha tal-atturi fejn dawn tal-ahhar ma difnux il-qatran.

L-atturi ghandhom jaghmlu a spejjes taghhom;

(iii) Ix-xogholijiet deskritti fil-hajt fuq il-genb taghhom fejn ikkostruwew aktar gholi mill-qatran.

43.3 Dwar il-basement, l-atturi ghandhom jaghmlu a spejjes taghhom, jekk iridu;
(i) Ibatu 70% biex jigu rrangati l-hsarat fid-dekorazzjoni, furniture and furnishings.
(ii) L-mizuri suggeriti dwar struttura sabiex jitnaqqas il-bridging, u l-basement isir aktar komdu u addattat ghall-abitazzjoni.

Inkwantu ghall-hsarat dovuti ghall "storm", l-atturi ghandhom jaghmlu a spejjes taghhom, jekk iridu;

(iii) Ibatu 30% biex jigu rrangati l-hsarat fid-dekorazzjoni, furniture and furnishings.

Illi l-Qorti hija konsapevoli tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001 fl-ismijiet Louis Theuma vs Anthony Borg fejn inghad illi:

"l-appellant jilmenta, u f'dan ghandu jinghata ragun, illi l-ewwel Qorti illimitat il-gudikat taghha ghal adozzjoni tar-rapport peritali li hi dikjarat li kienet accettabbli ghaliha taht kull aspett. F'okkazzjonijiet simili kien hemm gudikati ta' din il-Qorti fejn is-sentenza appellata tkun iddikjarata nulla u l-atti rimessi lill-Ewwel Qorti in kwantu s-sentenza tkun tiddifetta mill-element essenzjali taghha, dik li taghti

motivazzjoni xierqa ghad-decizjoni taghha. Il-Qorti kellha kull dritt li taddotta rapport peritali li jkun sewwa investa t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut skond l-inkarigu moghti pero' tali adozzjoni kellha tkun wahda kritika fis-sens wiesgha tal-kelma u s-sentenza kellha allura taghmel accenn ghas-sottomissjonijiet tal-kontendenti dwar ir-rapport peritali u taghti raguni anke b'mod sintetiku ghaliex ciononostante l-Qorti kienet tal-fehma li tinkorpora l-qalba tar-relazzjoni bhala l-motivazzjoni tas-sentenza taghha, kif ghamlet il-Qorti f'dan il-kaz".

In vista ta' dan il-Qorti ezaminat il-provi imressqa quddiem il-Perit Tekniku u kif ukoll ezaminat is-sottomissjonijiet imressqa mill-istess kontendenti u taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

Illi nhar it-28 ta Ottubru l997 xehed l-attur Dennis Gatt quddiem il-perit tekniku spjega l-kontenzjoni tieghu. Huwa kkonferma li kien xtara d-dar tieghu f'San Pawl tat-Targa fis-sena 1987 u dak iz-zmien il-parti ta' wara tad-dar li tmiss mal-proprjeta' tal-konvenuti kienet ghada ghalqa miz-zewg nahat tal-hajt divizorji bejn iz-zewg proprjetajiet. Huwa iddecieda li jibni swimming pool u fil-fatt hekk ghamel fin-1988 u qaghad attent li ma jiddisturbax il-blat naturali li jmiss mal-hajt divizorju. Illi x-xogholijiet li ghamel saru b'kawtela kbira taht id-direzzjoni ta' Perit. Illi wara t-trapass ta' certu zmien, il-konvenut iddecieda li jibni Tennis Court u wara li beda dan ix-xoghol huwa beda jsofri hsarat fil-proprjeta tieghu kif deskritti fid-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni. Ghalhekk fil-fehma tieghu ix-xogholijiet maghmula mill-konvenut ma sarux skond is-sengha u l-arti. Fil-fatt ghamel diversi claims mal-assikuraturi tieghu pero` dawn dejjem insistew illi l-problema kienet gejja minn-naha ta' terzi u cioe` mill-konvenuti u ghalhekk ma setghux jillikwidaw id-danni. Fil-fehma tal-Periti ta' l-assikuraturi u cioe l-Perit Alexander Soler u l-Perit David Pace, il-hsarat kienu gejjien minn-naha tal-konvenuti.

Il-Perit Alexander Soler xehed nhar il-25 ta' Novembru, 1997 u ikkonferma r-rapport tieghu datat 15 ta' Dicembru,

1994 esebit fl-atti a fol. 6 sa fol. 8 tal-process. Huwa esebixxa rapport addizjonali Dok. AS 1 datat 18 ta' Lulju, 1995 dwar l-umdita fil-basement ta' l-atturi. Fil-fehma tieghu l-hsara kienet gejja mill-ingross ta' l-ilma tal-garr u cioe tal-konvenut.

Michael John Holt – Chartered Loss Adjuster – mas-socjeta` assikuratrici Mediterranean Survey Bureau Limited xehed nhar l-24 ta' Marzu, 1998. Huwa ikkonferma illi nhar il-25 ta' Ottubru, 1994 huwa kien inkariga lil zewg periti Dennis Camilleri u Edward Bencini sabiex jezamina l-proprjeta ta' l-atturi u jirrelataw dwar il-hsarat sofferti minnu. Illi huwa ikkonferma illi skond ir-rapport taghhom Dok. MJM 1 u Dok. MJM 2 il-hsarat fil-proprjeta` ta' l-atturi kienet ikkagunata mit-Tennis Court tal-konvenut.

Il-konvenut, prodott mis-socjeta` intervenuta fil-kawza xehed nhar is-16 ta' Frar, 2001. Huwa spjega li sakemm gie biex jgholli l-hajt divizorju ta' bejn il-proprjeta` tieghu u dik ta' l-attur qatt ma kellu problemi ma l-attur u kien biss wara li spicca l-bini tal-hajt divizorju u bena t-Tennis Court li kellu l-problemi ma' l-atturi.

Alexander Montanaro il-konvenut ukoll prodott mis-socjeta` intervenuta ikkonferma li fiz-zmien meta sar l-allegazzjoni ta' l-atturi dwar il-hsarat kien hemm hafna xogholijiet li kienu qeghdin isiru fl-art li kienet aktar gholja minn dik tal-konvenuti. Huwa ikkonferma illi vera ghamel xi xoghol fil-hajt divizorju pero` l-hsarat reklamati mill-attur ma kienux attribwibbli lilu.

Illi l-attur fl-ewwel talba tieghu talab lill-Qorti sabiex tiddikjara illi l-konvenuti ivvjolaw id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 428 et seq. tal-Kodici Civili.

Illi s-socjeta` intervenuta fil-kawza eccepiet illi meta l-konvenuti bnew il-fond taghhom, huma ghamlu dan taht id-direzzjoni tal-perit taghhom – l-Arkitett u Inginier Civili Martin Xuereb u ma sar xejn li minhabba fih setghat issir xi hsara fil-fond tal-atturi. Sostnew li l-atturi ghandhom l-obbligu mhux biss li jippruvaw l-ezistenza ta' din il-hsara

imma ghandhom ukoll l-obbligu li jippruvaw li din il-hsara kienet dovuta ghal xi nuqqas tal-konvenuti. Jekk grat hsara, din il-hsara setghtet kienet dovuta ghal diversi fatturi, fosthom ukoll in-nuqqasijiet tal-istess atturi. F' dan ir-rigward ghandu jigi osservat li l-atturi hallew "soil patches" fuq in-naha taghhom tal-hajt u qeghdu l-"pool deck tilings" sal-"exposed rock face" u ghalhekk seta dahal l-ilma fit-"tile bedding layer". Ghalhekk il-kumpanija intervenuta eccepiet li jekk jigi pruvat mill-atturi li grat xi hsara, din il-hsara ma kienitx dovuta ghal xi nuqqas tal-konvenuti.

Illi mix-xhieda tal-konvenut Alexander Montanaro jirrizulta bl-aktar mod car illi huwa – u cioe' il-konvenuti – kien ghamel xi xogholijiet fil-hajt divizorju. Jghid l-istess Alexander Montanaro illi "Architect Martin Xuereb had designed my house and the tennis court, which came later, were built in accordance with his instructions and under his supervision". Is-socjeta` kjamata in kawza ghalkemm issemmi lil dan ix-xhud fil-lista tax-xhieda taghha u anke fin-nota ta' eccezzjonijiet taghha, baqghet ma ressqitux bhala xhud sabiex jikkonferma li tali xogholijiet saru skond is-sengha u l-arti u li kienu effettivament saru taht id-direzzjoni tieghu. Illi dan jimporta nuqqas serju da parti tas-socjeta intervenuta sabiex tipprova dak minnha allegat fl-eccezjonijiet taghha u ma jistax ma jimminax l-istess eccezzjoni. Lanqas ma gabet is-socjeta` intervenuta xi provi sabiex tattribwixxi il-hsarat kagunati ghal xi haga maghmula mill-istess atturi. Dawn in-nuqqasijiet, fil-fehma tal-Qorti, jkomplu jsahhu t-tezi ta' l-atturi u cioe` li l-hsarat sofferti minnhom huma rizultat – almenu in parte – tax-xogholijiet maghmula mill-istess konvenuti.

Illi l-artikolu 428, tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi:-

"Kull wiehed mill-girien ghandu jaghmel fil-fond tieghu <u>dawk ix-xoghlijiet li jkunu mehtiega sabiex ma ssir ebda hsara fil-hajt divizorju</u> bil-gwiebi jew latrini li jkun hemm fil-fond tieghu <u>jew bin-nixxiegha ta' ilma jew ta' hmieg</u>."

Jidher ghalhekk li, billi din il-Qorti, ghal dawk li huma l-provi u l-aspett tekniku tal-kawza, ma tara ebda raguni biex ma taccettax il-konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku - l-Arkitett Frederick Doublet - jidhrilha illi r-responsabbilita` in parte tal-konvenut hija difatti komminata mill-artikolu kwotat.

Illi apparti dan kollu, l-Qorti taghmel referenza ghall dak ivverbalizzat mid-difensuri tal-atturi u tas-socjeta` intervenuta fis-seduta ta’ l-1 ta’ Dicembru, 2003 fejn il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jaqblu mar-rapport peritali inkluz l-ispejjez li hemm.

Illi ghalhekk l-ewwel talba tal-atturi hija gustifikata u ghandha tintlaqa` u l-ewwel u l-unika eccezzjoni tas-socjeta` intervenuta ghandha tigi michuda.

Illi dwar ir-raba’ talba, in vista ta’ dak li ghadu kif inghad aktar il-fuq, u sabiex ma tiddilungax iz-zejjed u issemmi l-istess provi, il-Qorti hija sodisfatta illi gie pruvat illi l-konvenuti ikkawzaw danni fil-proprjeta` ta’ l-atturi liema danni gew elenkati fir-rapport tal-Perit Tekniku nominat minnha.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi, billi fil-kontumacja tal-konvenuti, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intervenuta fil-kawza in kwantu l-istess huma inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, tilqa’ t-talbiet attrici fis-sens biss kif hawn deciz b’dan illi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti ivvjolaw ghar-ragunijiet imsemmija aktar il-fuq f’din is-sentenza u fir-rapport tal-Perit Tekniku l-AIC Frederick Doublet id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 428 et seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien xahrejn minn meta din is-sentenza tghaddi in gudikat jaghmlu x-xogholijiet indikati mill-Perit Arkittett Frederick Doublet u dan taht is-sorveljanza ta’ l-istess Perit Arkitett li qieghed jigi nominat ghal dan il-ghan a spejjez ta’ l-istess konvenuti.

3. Tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas li l-konvenuti jaghmlu x-xogholijiet indikati fiz-zmien imsemmi, l-istess atturi huma awtorizzati jezegwixxu x-xogholijiet indikati taht is-sorveljanza tal-Perit Arkitett Frederick Doublet a spejjez ta’ l-istess konvenuti.

4. Tiddikjara u tiddeciedi illi minhabba l-istat tal-bini l-konvenuti ikkawzaw danni lill-atturi.

5. Tichad il-hames talba u dan stante li ma hemmx prova tal-ammont tad-danni sofferti.

6. Ghall-istess raguni migjuba fil-hames talba tichad is-sitt talba.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------